MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1923/2002

**Equipment Hire Limited**

**Vs**

**Quality Turnkey Contractors Co. Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta Awissu 2002 fejn is-socjeta attrici qed titlob li s-socjeta konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas is-somma ta hames mija u hamsin lira tmienja u ghoxrin centenzmu (Lm550.28) rapprezentanti prezz ta kiri ta ghodda.
Bl-ispejjes komprizi dawk ta' ittra legali datata 28 ta Gunju 2002 u bl-imghax mid-data tal-kuntratt ta kera relattiv u cioe mit-18 ta April 2002 kontra s-socjeta konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni;

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta prezentata fit-23 ta' Gunju 2003 fejn ikkontestat it-talbiet attrici ghas-segwenti ragunijiet a) nullita tan-notifika peress li ma gietx notifikata

fir-registered office b) li se mai l-ammont dovut huwa biss dak fis-somma ta Lm256.68 ghal 30 gurnata c) li r-rimanenti bilanc huwa dovut minn Mrs Janssen li kompliet tuza l-istess socjeta attrici wara t-terminazzjoni tal-appalt mas-socjeta konvenuta; d) kwindi Mrs Janssen ghandha tigi kjamata in kawza e) ghalhekk is-socjeta konvenuta ma ghandhiex tbghati l-ispejjes ta dina l-kawza.

Ra x-xhieda prodotti u ezamina d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra:

Illi skond ix-xhieda ta Raymond Huber rapprezentant tas-socjeta attrici jinghad li l-ammont pretiz mill-istess socjeta ghandu jirrizulta mill-kuntratt ta kera datat 18 ta April 2002 debitament iffirmat minn Aaron Galea bhala rapprezentant ta-socjeta konvenuta. Ili dan il-kuntratt gie tterminat biss fis-26 ta Gunju 2002 meta s-socjeta konvenuta avvicinathom u nformathom li l-makkinarju kien qed jigi uzat minn terza persuna u difatti eventwalment sehh kuntratt gdid ma din it-terza persuna. Illi sakemm sehh dan il-makkinarju kien ghadu ighajjat lis-socjeta konvenuta ai termini tal-precitat kuntratt.

Aaron Galea rapprezentant tas-socjeta konvenuta jikkonferma li dahal f'relazzjoni ta kiri ta ghodda mas-socjeta attrici biex jahdem biha f'proprjeta ta klijenta tieghu. Huwa jispjega l-problemi li affaccja ma din il-klijenta tieghu u meta talabha biex jiehdu lura l-ghodda biex ituha lis-socjeta attrici, hu jallega li hi rrifjutat ghax kien hemm haddiema ohra taghha qed juzawha. Huwa jghid li spjega dan kollu lis-socjeta attrici u li din Janssen kellha taghmel kuntratt gdid maghhom liema fatt sehh pero hafna zmien wara. Dan Galea ghall-ewwel jinsinwa li kien infurmhom permezz ta ittra dwar dan kollu izda wara rrizulta mhux biss li baqa ma pprezentha qatt, izda li din l-ittra kienet ntbaghtet wara li rcieva talba ghal hlas u mhux meta nqalghu l-problemi ma Janssen. Fil-fatt hu jikkonferma li qatt ma kien wasal biex jittermina l-kuntratt ta kiri bil-miktub. Is-sur Galea jammetti wkoll pero`, li skond il-ftehim mas-socjeta konvenuta, huwa kellu jibqa responsabbli ghall-ghodda sakemm jasal biex jirritornha.

Jigi notat li s-socjeta konvenuta qatt ma resqet provi dwar l-ewwel eccezzjoni taghha.

Ghal dawn il-mottivi, it-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz billi qed jichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta konvenuta, jilqa t-talbiet attrici u konsegwentement ghalhekk qieghed jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas s-somma kif mitluba ta hames mija u hamsin lira tmienja u ghoxrin centezmu (Lm550.28) bl-imghax legali dekorribbli mid-19 ta April 2002 u bl-ispejjes kollha kif rikjesti ta din l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-istess socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------